MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 20/2004

**Agius Services Limited**

**-vs-**

**John Mary sive Jimmy Stellini**

Illum 1 ta' Lulju 2005

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz li bih is-socjeta' attrici tablet li l-konvenut jigi kkundannat ihallasha l-ammont ta' elfejn disa' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltija u seba' centezmi (Lm2923.07) prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilu fit-Teasers Pub, Triq Marsalforn, Xaghra, Ghawdex bejn it-28 ta' Frar 2002

u l-25 ta' Jannar 2003, skond l-istatement hawn anness u markat Dokument A bl-interessi kummercjali fuq kull konsenja b'effett mid-data ta' dik il-konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament. Skond l-iskeda annessa u markata Dokument B, sal-ewwel ta' Awissu 2004, dawn l-interessi intelghu ghal erba' mija sebgha u sebghin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm477.23) salvi interessi ulterjuri wara dik id-data.

Flimkien ma' l-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa ingunt.

Rat illi l-konvenut naqas li jidher u jikkontesta t-talba minkejja li debitament notifikat bl-avviz u bid-data tas-seduta.

Rat illi l-konvenut naqas ukoll li jidher u jwiegeb ghall-kapitoli ipprezentati ghas-subizzjoni tieghu liema kapitoli gew approvati fl-udjenza ta' l-1 ta' Lulju 2005.

Rat in-nota ta' riduzzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici.

Fic-cirkorstanzi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici.

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma kif ridotta u cioe' ta' elf sitt mija tnejn u tmenin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm1682.45) kif ukoll l-interessi kummercjali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------